

**DEĊIŻJONI Nru 2/2022 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**

**tal-21 ta' Frar 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 7/2020 li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim [2022/292]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 171(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), il-Kumitat Konġunt stabbilixxa, sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit skont dan il-Ftehim, lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ordinarji ta' bord ta' arbitraġġ. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista tkun konformi mar-rekwiżiti fi kwalunkwe mument.
- (2) Skont l-Artikolu 171(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-lista ma għandhiex tinkludi persuni li jkunu membri, uffiċjali jew aġenti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-gvern ta' xi Stat Membru, jew tal-gvern tar-Renju Unit.
- (3) Waħda mill-persuni fuq il-lista li proposta mill-Unjoni nħatret bħala membru bħala istituzzjoni tal-Unjoni u għalhekk ma għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti biex tkun arbitru skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (4) Għaldaqstant hemm bżonn li dik il-persuna fuq il-lista ta' persuni stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 7/2020 tal-Kumitat Konġunt <sup>(2)</sup> tiġi sostitwita,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' 25 persuna lesti u kapaċi jservu bħala arbitri skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ kif stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 7/2020 tal-Kumitat Konġunt hija emendata kif ġej:

Is-Sinjura Tamara ČAPETA hija sostitwita mis-Sur Ezio PERILLO.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-Kopresidenti*

Maroš ŠEFČOVIČ

Elizabeth TRUSS

<sup>(1)</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU L 443, 30.12.2020, p. 22.